Joe Giglio

## Kun parti minn Tim Giglio

Jekk tixtieq tkun parti minn Tim Giglio, żur is-sit **www.joegiglio.mt** u rreġistra l-interess tiegħek jew ċempel fuq  2133 8010.

## Nixtieq inżomm kuntatt miegħek

Fix-xhur li ġejjin, nixtieq niltaqa' ma' kemm jista' jkun residenti tad-9 u l-10 distrett. Jekk tixtieq li niltaqgħu, tista' tagħmel kuntatt miegħi permezz tan-numru 2133 8010.

**www.joegiglio.mt**

Segwi l-paġni tiegħi fuq Facebook, Twitter jew Instagram biex iżżomm ruħek aġġornat.

A version of this information in English
is available on **www.joegiglio.mt**

L-AVUKAT

# Joe Giglio

**Kandidat ġdid** tal-Partit Nazzjonalista
fuq id-9 u l-10 Distrett



Partit Nazzjonalista



# FLIMKIEN NISTGĦU NIBNU ĠEJJIENI AĦJAR GĦALINA LKOLL.

**Malta jixirqilha ġejjieni aħjar. Aħna lkoll jixirqilna aħjar.**

Għalhekk ilqajt l-istedina li għamilli l-Partit Nazzjonalista biex nikkontesta l-elezzjoni ġenerali li jmiss fuq id-9 u l-10 distrett. Kemm ilni nipprattika bħala avukat għal kważi 30 sena, iltqajt ma' ħafna persuni minn kull parti ta' pajjiżna. Din l-esperjenza, l-università tat-triq, tatni stampa tal-valuri u l-aspirazzjonijiet tagħkom u tal-familji tagħkom. **Bħala kandidat ġdid inħoss li għandna nwettqu politika differenti minn kif għamilna fl-imgħoddi.**

Għalhekk **Tim Giglio** għax din hija ħidma li nixtieq inwettaq f'isimkom u flimkien magħkom.

www.joegiglio.mt

# FLIMKIEN NISTGĦU NIBNU VIŻJONI ĠDIDA GĦAL PAJJIŻNA.

Il-politika hija **strument li biha nistgħu nagħmlu ħafna ġid** għall-familji tagħna. Nixtieq nara politika msejsa fuq ir-rispett reċiproku lejn xulxin, anke fejn ma naqblux. Għalhekk nemmen f'politika li tnaqqas il-konfrontazzjoni.

Nixtieq li noħolqu **spazju fejn jitwieldu idejat ġodda** biex jinħoloq il-ġid u jitqassam b'mod ġust bejn kulħadd.

Se nimpenja ruħi biex **is-suċċess ekonomiku** ta' pajjiżna ma jibqax jitkejjel fuq kemm idaħħal u jonfoq il-Gvern iżda fuq indikaturi differenti u ġodda.

Irrid nara li **wliedna jingħataw l-aħjar edukazzjoni** possibbli biex il-ġejjieni tagħhom jitfawwar bl-opportunatijiet. Ma naħsibx li edukazzjoni msejsa biss fuq is-suċċess fl-eżamijiet hija l-ideali.

Nemmen ukoll **f'politika li tħares l-ambjent u l-ispazji miftuħa.** Nixtieq nara mudell ekonomiku msejjes fuq żvilupp sostenibbli li jirrispetta l-wirt naturali, kulturali, soċjali u storiku ta' pajjiżna.

Nixtieq ngħix f'Malta fejn mhux importanti lil min taf jew minn fejn ġej, iżda kemm għandek ħiliet biex timxi 'l quddiem u li fl-aħħar isaltnu tabilħaqq **il-meritokrazija u l-ugwaljanza.**

Irrid inkun ċert li jingħata **servizz tas-saħħa mill-aqwa u b'dinjità** lil kull wieħed u waħda minna.

Nixtieq ngħix f'pajjiż fejn il-ħaddiema, il-professjonisti u s-servizzi tas-sigurtà jingħataw ir-rispett li jixirqilhom, **pagi tajbin u kundizzjonijiet ta' xogħol diċenti** li jirriflettu s-sagrifiċċju li jagħmlu. In-nies tan-negozju, miż-żgħir sal-kbir, għandhom jiġu megħjuna biex joħolqu aktar xogħol għal kulħadd.

Dan huwa ftit minn dak li nixtieq inwettaq fil-ħidma politika tiegħi.

Nistiednek tingħaqad miegħi biex bl-appoġġ tiegħek, ilkoll flimkien, nibnu ġejjieni aħjar għalina lkoll.

Nixtiqilkom Milied hieni u sena ġdida mimlija paċi u hena.

Joe Giglio